# It-tilwima ta' Ball ma' Brared

Taghrif storiku migbur minn Guzi Mallia

Fil-kotba ta' l-istorja nsibu li għall-ewwel Vincenzo Borg, magħruf bħala 'Brared', kien miġjub ħafna minn Alexander John Ball, meta dan kien għadu kaptan fin-Navy Ingliża u wara sar l-ewwel Kummissarju Ċivili u Gvernatur ta' dawn il-gżejjer. Xi żmien wara, meta l-Franċiżi ġew imkeċċija, dawn it-tnejn min-nies tlewmu bejniethom. F'xi kotba ta' l-istorja ftit li xejn insibu tagħrif x'kienet il-kawża ta' din it-tilwima bejn dawn it-tnejn min-nies, li nistgħu ngħidu li kienu l-iżjed li ħadmu, biex jaraw il-bandiera Ingliża tperper fuq il-gżejjer Maltin wara t-tluq tal-Franċiżi. Wara t-tkeċċija tal-Franċiżi, Ball ma baqax jara fi Brared dak il-bniedem ta' karattru tajjeb kif kien jarah qabel. Fil-fehma ta' Ball, Brared kienet daħlet fih bidla kbira. Brared fil-fatt kien qiegħed jaħdem biex il-Maltin jiksbu d-drittijiet politiċi tagħhom. Darba minnhom fil-11 ta' Jannar 1804, Ball ġiegħel lil Brared jidher fil-Palazz fejn kien hemm preżenti wkoll il-Maġistrati u l-Amministraturi l-oħra (li kienu sħabu), u quddiemhom Ball beda jitkellem bil-Franċiż (lingwa li Borg ma kienx jifhem ħlief xi kelma 'l hawn u 'l hinn), u għamillu akkuża twila tal-kondotta ħażina tiegħu (ta' Borg), minn xi żmien 'l hawn. Il-kastig ma kienx 'il bogħod, għax Ball ħa minn taħt idejn Borg iż-żewġ uffiċi li kellu, dak ta' Logutenent ta' Birkirkara u Amministratur tal-Proprjetà Pubblika, u arrestah fid-dar li kellha oħtu fil-Belt u bagħatlu wkoll sentinella wara l-bieb. Borg baqa' hekk għal tlitt ijiem u mbagħad huwa baqa' miżmum sena oħra u meta kien ikollu bżonn imur f'daru ġewwa Birkirkara jew fil-Kampanja, kellu jitlob permess u jerġa' jidher meta jerġa' lura. Ball miet fil-25 t'Ottubru 1809.

Wara l-mewt ta' Ball, il-każ ta' Vincenzo Borg kellu issa iktar jissemma billi ġie mogħti għall-istampa u ppubblikat. Il-ħatab ghal dan il-ktieb newlu Borg u forsi wkoll xi Maltin oħra, iżda kien Eton li qabbdu ħuġġieġa, biex jarah kulħadd fl-istampa. William Eton kien Suprintendent ta' Lazzarett u kellu wkoll l-inkarigu li jgħasses għad-dħul tax-xewwiexa politiċi f'dawn il-gżejjer. Eton ma kienx jaħmel lil Ball. Borg kien ħabib kbir ta' Eton. Il-ktieb li ġie stampat f'Londra fis-sena 1810 kien jismu 'The Appeals of Vincenso Borg (A Patriot of Malta) to the Justice of the British Government, on behalf of Himself, His Family and His Countrymen at Large'. Id-daħla ta' dan il-ktieb tgħid li jkun ta' ġid u ta' ħaqq għal

Malta li l-Maltin ikollhom il-privileġġi qodma tagħhom billi jingħata l-Gvern f'idejhom. Imbagħad hemm deskrizzjoni tal-karattru ta' Borg. Wara dan hemm l-ittri li Ball kien jikteb lil Brared u xhieda maħlufa tax-xogħol li kien jagħmel Brared. Wara dan imbagħad, hemm id-diskors li Ball kien għamel lill-Awdituri u Amministraturi fil-11 ta' Jannar 1804. Borg ma kellux kopja ta' dan id-diskors ħlief f'Mejju 1809, jiġifieri iżjed minn ħames snin wara, u erba' xhur biss qabel il-mewt ta' Ball. Għalhekk wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dak il-famuż diskors lil dawk preżenti setgħu semgħuh biss u forsi ħadd minnhom ma fehem x'kien qiegħed jgħid Ball, għax kieku seta' jiġi f'idejn Borg qabel dan iż-żmien u din it-tilwima ta' bejniethom titwal iżjed milli twalet. F'dan il-ktieb hemm ukoll ittra fejn Borg semma' meta Ball ġiegħel lil Borg jattendi fil-Palazz fejn għamillu l-akkuża msemmija u wara arrestah. Din l-ittra tispiċċa billi Borg isemmi l-ħatra li Ball neħħa lil Borg ġiet issa mogħtija lil wieħed ġakbin li fil-ġurnata tar-Rivoluzzjoni ta ikla lill-Fizzjali Franċiżi ġewwa daru f'Birkirkara.



Il-Kavallier Vinċenzo Borg (Brared). Bust qadim tal-ħaġar fl-Awla Kapitulari, Birkirkara

U hawn niġu għall-famuż diskors li Ball għamel lill-Maġistrati (jew Awdituri) u lill-Amministraturi tal-Proprjetà Pubblika. Ball beda biex jgħarrafhom li sab l-okkażjoni biex jurihom ħaġa ta' importanza kbira, li jitkexkex meta jaħseb fiha. Huwa kompla jgħidilhom illi n-naħa politika tal-Gvern ġiet afdata f'idejh. Wara dan it-tagħrif huwa beda litanija sħiħa ta' akkużi kontra Borg; kemm Borg mexa ħażin meta rċieva tant favuri mill-Gvern Ingliż; li Borg kien talab lil Ball biex jiġi mogħti l-ħatra ta' 'Segreto' u minflok Borg ġie maħtur Logutenent ta' Birkirkara u Amministratur tal-Proprjetà Pubblika; li Borg kien ambizzjuz u bil-kemm kien jaf jaqra u jikteb ismu u li ma kienx kuntent li jokkupa żewġ karigi hekk għolja u fl-istess waqt jieħu ħsieb in-negozju tiegħu; li Borg kien rgħib u li kien jagħmel lilu nnifsu importanti billi joħloq inkwiet fittizju. Ir-risposta ta' Borg, f'dan il-ktieb, kienet li l-isbaħ ċertifikat għalih kontra dawn il-kalunji kien isibu fl-istqarrijiet maħlufa u iffirmati min-nies l-iżjed rispettati. (Stqarrija minn dawn hija ppublikata f'dan il-ktieb u hija maħlufa u iffirmata quddiem in-nutar minn 287 persuna rispettabbli fosthom membri tal-Kleru, fizzjali għoljin fil-Battaljun

ta' Birkirkara u kapijiet ta' familja). Borg kompla juri li l-intenzjoni ta' Ball kienet li jbeżża' lil dawk il-Logutenenti li ma tantx kienu daqstant ibaxxu rashom kif xtaq hu (Ball). Borg kompla jgħid li kieku Ball kellu l-provi, kien iressqu quddiem it-Tribunal u b'hekk Borg kien ikollu okkażjoni li jiddefendi lilu nnifsu. Borg ċaħad ukoll li qatt talab il-kariga ta' 'Segreto', u li hu qatt ma ried jaċċetta impjiegi, iżda kien Ball stess li nsista li Borg jaċċetta għax inkella Ball kien jidher ikrah f'għajnejn in-nies. Borg semma' wkoll li l-ambizzjuz kien Ball għax kien hu li għamel minn kollox biex jieħu l-poter f'idejh. Borg semma' wkoll li kieku m kienx jaf jaqra u jikteb kien ikun impossibbli li jmexxi kemm il-Battaljun ta' Birkirkara matul l-Assedju kif ukoll in-negozju tiegħu u kompla jsemmi li għalkemm il-lingwa tiegħu ma kenitx it-Taljan, huwa (Borg) b'dik il-lingwa kien jinqeda tajjeb u kompla jiftaħar li f'dan is-suġġett tal-lingwi Ball kien wisq warajh għax ma kien jaf bl-ebda lingwa oħra ħlief bl-Ingliż. Borg qal ukoll li huwa qatt ma rċieva rigali mingħand Ball u jistaqsi li kieku dan kien minnu, għaliex Ball ma pproduċiex ir-reġistri tat-Teżor, riċevuti uffiċjali jew xhieda oħra. Borg semma' wkoll kif kien juża flusu u ġidu għall-ħelsien ta' Malta.

Ball attakka wkoll lil Borg li kien juża lingwa speċjali skond l-okkażjoni, u għal din l-akkuża Borg wieġeb li hu kien miftiehem ma' Eton li fil-korrispondenza ta' bejniethom huma jużaw ċerti sinjali (bħal dawk matematiċi, i.e. plus, minus, multiply) ħalli jekk l-ittri jaqgħu f'idejn l-għedewwa ma jkunu jistgħu jiksbu l-ebda tagħrif. Ball akkuża wkoll lil Borg li hu kien jagħmilha ta' bniedem devot u li jqis ruħu bħala profeta. Ir-risposta ta' Borg kienet waħda klassika għax Borg irrisponda billi għamel mistoqsija, "Jaqaw jgħajjatli profeta għax jiena dejjem emmint li Malta tibqa' taħt idejn l-Ingliżi u li fl-aħħar issir ġustizzja magħna?" Borg ikompli, "Fil-fatt l-ewwel waħda twettqet, iżda huwa (Ball) jibża' li t-tieni waħda sseħħ". Il-lista ta' akkużi ta' Ball kienet tassew twila u daqstant ieħor kien it-tagħjir ta' bejniethom. Fil-fatt Borg deher li kien kapaċi jitgħajjar u jiddefendi ruħu tajjeb wisq kontra dawn l-akkużi u fost il-kwalitajiet sbieħ li Borg kellu, hawnhekk toħroġ waħda li turi kemm kien bniedem għaqli u intelliġenti.

Akkużi oħra ta' Ball kienu li Borg kien jagħti x'jifhem li kellu korrispondenza ma' Ministri fl-Ingilterra u li Borg ried li jaqlibha lill-Gvern, u li kien iridha ta' Kap ta' l-irħula kollha u li tassew Borg kellu din it-tama; li Borg qatt ma talab xejn ta' ġid għall-pajjiż u dak li kien jitlob kienu favuri biss għalih u għal qrabatu; li l-ħbiberija ta' Borg ma' Ball kienet isservi biex Borg jinqeda b'din l-influwenza ħalli jidher kbir quddiem ħaddieħor; li Borg kien għamel persekuzzjoni sħiħa kontra l-Maġistrati u Logutenenti li ma kellux grazzja magħhom; li beda jmexxi għajdut xewwiexi fost il-Logutenenti għax ġiegħelhom jaħsbu li kellhom jiġu mwarrbin; li Borg waqqa' għaż-żufjett il-favuri li saru biex jingħata għajxien lill-fqar; li b'għemilu huwa pprova jfixkel il-pjan li ssir statwa tar-Re; li kien jilqa' f'daru l-Logutenenti għal-laqgħat sigrieti. Barra hekk, wara li Ball akkuża lil Borg li kien jaf bil-manuvri kollha tiegħu, Ball akkużah ukoll li kien hemm raġuni

biżżejjed biex jagħtih parir li jmur jirtira f'xi manikomju biex forsi jgħaddilu dan it-taħwid li għandu f'moħħu. Qallu wkoll biex jidħol f'daru u ma joħroġx minn hemm. Dan id-diskors ftit li xejn huwa diplomatiku u ma jagħmilx ġieħ lil min qalu, għax niddubita jekk tismax diskors simili f'xi triq l-iżjed imwarrba ta' Malta, aħseb u ara f'laqgħa hekk importanti ta' l-ogħla nies ta' Malta u minn wieħed li kellu f'idejh l-ogħla awtorità tal-pajjiż. Ball kompla din il-litanija billi qal li kien kiteb l-Ingilterra li Borg kien bniedem ta' kundizzjoni baxxa u li jaħdem il-biċċa raba' li għandu bħala gabillott komuni biex jaqla' l-għajxien tiegħu.

Għal din l-aħħar akkuża Borg wieġeb li jekk jaraw il-kotba tad-Dwana ikollhom l-isbaħ prova, hekk ukoll jekk jaraw x'oqsma għandu u xi flejjes nefaq matul l-Assedju (tal-Franċiżi), u li l-Karkariżi għażluh bħala Kap tagħhom u li hu kien il-kmandant tal-Battaljun t'hemm. Borg għamel ukoll riferenza għall-ittri li Ball kien jibgħatlu matul l-Assedju u dawn huma kollha provi li lil Borg jiddefenduh kontra dawn il-kalunji. Borg semma wkoll, li jekk dak li jaf fuq Ball huwa minnu, Ball wiret mingħand il-familja tiegħu wisq inqas milli Borg wiret minn tiegħu. Ball kompla jakkuża lil Borg bħala bniedem ambizzjuz u jdejh magħluqa u li issa ma baqax l-istess bniedem ta' karattru tajjeb u li kien jagħmel minn kollox biex isir popolari mal-baxx u li ried jagħmel liġijiet ġodda għal Malta.

Għal dawn l-akkużi kollha li meta wieħed jaqrahom iżjed jara l-gravità tagħhom, Vincenzo Borg ma baqax lura. Fost affarijiet oħra Borg wieġeb li hu kellu fama tajba u soda wisq iżjed milli kellu Ball innifsu. Li hu (Borg) dejjem urih lil Ball li ma kinitx ħaġa sewwa li jagħti l-impjiegi lil dawk li kienu favur il-Franċiżi minflok lil oħrajn li tassew kien jistħoqqilhom. Fuq l-akkuża li Borg ried jeqred lil-Logutenenti, Borg ċaħad u stqarr li kien Ball stess li b'għemilu ried li jifridhom u Borg dejjem kien jgħidlu biex jeħodha kontra l-ġakbini u mhux kontra dawn in-nies. Risposta oħra ta' Borg klassika, u meta taqraha pjuttost jaqbdek id-daħk hija dik dwar l-istatwa tar-Re. Borg stqarr li ftit qabel ma hu ġie mneħħi mill-kariga kien hu stess (Borg) li ħareġ b'din l-idea, iżda Zammit, is-Segretarju ta' Ball, deherlu li kienet tkun ħaġa wisq iżjed xierqa jekk il-flus li kien hemnm miġbura għal din l-istatwa jintużaw biex tinxtara xabla tad-deheb u tiġi preżentata lil Ball, kif fil-fatt kien sar. Din ix-xabla kienet it-tieni waħda li ġiet preżentata lil Ball, għax wara l-Assedju tal-Franċiżi, il-Maltin kienu preżentawlu xabla oħra tad-deheb li Ball qal li kien tilef u kien sar ukoll indirizz li kien iffirmat minn dawk ta' madwaru. Kull min ta l-flus għal din l-istatwa tar-Re, qatt ma kien jaf li minflok kellha tiġi ppreżentata xabla lil Ball f'isem il-poplu Malti. Borg kiteb ukoll li qatt ma kellu sigrieti x'jaħbi u staqsa wkoll jekk qatt xi ħadd ġab xi affidavit jew xhieda bħala prova. Fuq l-akkuża li Borg ma kellux rasu f'lokha Borg wieġeb li jekk jistaqsu lill-poplu kollu ikunu jafu li hu (Borg) jimxi dritt u b'rasu mgħollija kullimkien u li jħares lejn kulħadd f'wiċċu. Borg kien jitlob biss li ssir investi-gazzjoni u li jgħarblu kollox sal-qiegħ. Dwar l-ambizzjoni Borg wieġeb li bil-mod li hu ġab ruħu u min-numru ta' xhieda maħlufa, din tkun prova ta' l-irġulija tiegħu.

L-ambizzjoni, jistqarr Borg, hija ta' Ball. Kien Ball stess li meta niżel l-art minn fuq il-bastiment tiegħu, kien talab li tinkiteb ittra lil Lord Nelson biex Ball jibqa' Malta. Borg stess kiteb diversi ittri lil Nelson, u b'hekk lil Ball ingħatalu l-permess. Kien hu li talab lir-Re taż-Żewġ Sqallijiet biex jiġi mgħarraf li l-Maltin kienu kuntenti bih. Dan kollu sar, u Ball ġie maħtur Gvernatur. Bl-akkuża ta' Ball li Borg kien jitħabbeb mal-fqar, Borg staqsa jekk Ball kienx qed jifhem jekk kienx meta Borg kien jitma lill-fqar meta ma kellhomx ħobż u li Ball bil-qamħ ħażin li kien xtara mill-Baħar l-Iswed (u bi prezz ogħla) kważi qatilhom bil-ġuħ. Borg semma' wkoll lill-Prepostu (Kan. Dun Pietru Pawl Micallef), fejn semma' li Zammit, is-Segretarju ta' Ball kien talab lill-Prepostu u lil oħrajn ta' l-istess fehma tiegħu biex jiktbu ittra ta' ringrazzjament lil Ball talli neħħa lil Borg mill-kariga li kellu. Borg stqarr li l-Prepostu kien l-akbar għadu tiegħu, għax kien partitarju ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Kien l-istess Prepostu li kiteb ittra lill-Granmastru Hompesch, ta' natura perikoluża u ġiet iffirmata minnu u minn oħrajn, u li din l-ittra spiċċat f'idejn is-Segretarju tal-Ġeneral Pigot. Kien l-istess Prepostu li ġie mċanfar għax kien magħruf bħala partitarju ta' l-Ordni u tal-Partit Franċiż. Dan kollu kienu jafu Ball, u kien dan l-istess bniedem li ġie magħżul biex jikteb ittra ta' din ix-xorta. Id-difiża ta' Borg tispiċċa b'lista twila ta' titli lil Ball, fosthom tirann, għajjur, ingrat, li jagħmel għajb lid-dover mitlub minnu u li kien hu li kompla l-persekuzzjoni kontra l-qraba ta' Borg, li ġew akkużati bi ħwejjeġ li huma qatt ma għamlu; li x-xhieda ġew torturati biex jaħilfu falz kontra tagħhom, iżda fortunatament dawn ix-xhieda reġgħu lura mill-kelma tagħhom u xehdu l-verità meta ġew wiċċ imb'wiċċ ma min kien innoċenti.

Biex inkunu għedna kollox ikollna nsemmu li sa fl-aħħar iż-żejt tela' f'wiċċ l-ilma, u għalhekk dan il-patrijott Karkariż li kien ilu mwaqqa' għal snin sħaħ, fl-aħħar sar il-ħaqq miegħu. Dak li tilef f'żgħożitu issa sabu fi xjuħitu għaliex fid-9 ta' Frar 1833, meta huwa kellu 66 sena, huwa ġie mlaħħaq Kavallier ta' l-Ordni l-Iktar Distint ta' San Mikiel u ta' San Ġorġ. Lil Sir Alexander Ball, minbarraż-żewġ xwabel tad-deheb li ġie mogħti, sarlu monument mill-isbaħ ġol-Barrakka t'Isfel wara mewtu.

Biblijografija: E.B. Vella Storja ta' Birkirkara; Mifsud Sulla Sovranità Inglese su Malta; The Appeals of Vincenzo Borg to the Justice of the British Government



Guzi Mallia